MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 163/2010

Kawza fil-lista: 38

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet : Illi l-partijiet izzewgu fit-12 ta’ Dicembru 1997 ; illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti kellhom zewgt itfal; huma iffirmaw kuntratt ta’ firda personali; illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b’qerq dwar kwalita tal-intimat li fixklet serjament il-hajja mizzewga ; illi l-kunsens tal-intimat kien vizzjat b’difett serju ta’ kiskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu da parti tal-intimat, kif ukoll b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli li

jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ; illi l-kunsens tal-intimata kien inkiseb b'eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar elementi essenzjali tal-hajja mizzewga ; illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini ta' l-Artiklu 19 (1) (c) (d) u/jew (f) ta' l-Att Nru xxxvii tas-sena 1975 (Kap 255) li jirregola z-Zwigijiet. hajja mizzewga, *ai termini* tal-Artikolu 19 (1)(c) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti, in vista ta' dan kollu fuq premess, titlob lil dina Qorti joghgobha tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-kontendenti ccelebrat fil 12 ta' Dicembru 1997 null u bla effett, kollox kif intqal fuq ghar-ragunijiet fuq premessi ; bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut jidikjara li jaqbel mat-talbiet ta' l-attrici , imma n-nullita' hija imputtabbli liz-zewg partijiet u dan partikolarment ghaliex huma zzewgu biss ftit xhur wara li ltaqghu ma' xulxin u l-attrici kienet bilkemm ghalqet it-tmintax il-sena ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavit prezentati;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fil-12 ta' Dicembru 1997 huwa null fil-ligi, *stante* li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat fil-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati**.**

Il-konvenut jaqbel li z-zwieg huwa null, izda bi htija taz-zewg partijiet. Fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat.

**Il-Fatti**

Illi l-partijiet, izzewgu, wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sentejn, fit-12 ta' Dicembru 1997 meta l-attrici kellha 18 il-sena u l-konvenut kellu 24 sena; minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal : wahda fil-31 Dicembru 1998 u l-ohra

fis-27 ta' Awwissu 2000. Wara tnax [12] il-sena iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali.

*Verzjoni Attrici*
Illi l-attrici tispjega li matul il-konvivenza matrimonjali kienet indunat b' atteggjament stramb da parti tal-konvenut, fis-sens li dan kien migbud lejn l-affarijiet li s-soltu jaghmlu n-nisa. Tghid li fil-karnival kien jilbes ta' mara, u ssemmi okkazzjoni fis-sena 2004 meta l-konvenut kien mar l-ufficju taghha liebes ta' mara. Tghid li *"minn dak inhar bdejt nevita li jkolli x' naqsam mieghu sesswalment"*. Ir-relazzjoni ta' bejniethom kompliet sejra lura meta l-attrici bdiet ticcettja ma' ragel Germaniz fuq l-internet, li eventwalment kien stedina sabiex tmur vakanza ghandu fil-Germanja ; u meta l-attrici qalet lill-konvenut, allura zewgha, b' dan, hu ma opponhiex, anzi offra biex iwassalha hu. L-attrici bdiet relazzjoni extra matrimonjali, u l-hajja konjugali bejn il-partijiet spiccat.

*Verzjoni Konvenut*
Illi minn naha tieghu l-konvenut jghid li l-ewwel snin taz-zwieg, li matulhom il-partijiet kellhom zewgt ittfal kienu tajbin. Jghid: *"life at first was going very well"* u li meta missier l-attrici ssepara, hu kien jiehu hsieb iz-zewgt itfal tal-partijiet, u anke z-zewg hut l-attrici. Jghid, li meta l-attrici bdiet tattendi l-Universita' ir-relazzjoni bejniethom ma kinitx baqghet tajba: hu kien jahdem sighat twal, filwaqt li hi kienet tistudja. Eventwalment l-attrici bdiet ticcettja fuq l-internet ma' ragel iehor, u *"our sexual relation was no longer active, I was no longer sexually attracted to her."*[1]. Meta l-attrici marret il-Germanja u bdiet relazzjoni sesswali ma' dan ir-ragel, il-partijiet iddecidew li jisseparaw. Illum hu jghix wahdu, filwaqt li l-attrici kompliet bir-relazzjoni taghha extra matrimonjali.

Huwa jammetti li fil-karnival ihobb jilbes ta' mara, u stqarr li wara s-separazzjoni, hu kien beda johrog ma' habiba tieghu jisimha Grace *"and cross-dressed on several occasions and parties"*; izda llum din ir-relazzjoni spiccat u jilbes ta' mara biss fil-karnival.

[1] Sottolinear tal-Qorti

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet :

[1] Illi minn jallega ghandu l-oneru tal-prova, u ghalhekk hija l-attrici li jehtieg li tipprova dak allegat minnha, u senjatament li l-kunsens taghha kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c] u li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d][f] ta' l-artikolu precitat.

Fil-fehema tal-Qorti l-provi mressqa in sostenn ta' dak allegat mill-attrici huma skarsi, anke jekk f' certu aspetti ammessi mill-istess konvenut. L-uniku xhud estranew li ressqet l-attrici xehed dwar dak li qalulu l-partijiet fis-sens 2007 u cioe' wara li l-partijiet kienu diga' de facto sseparaw.

[2] Illi, apparti mill-fatt li l-allegazzjoni li l-konvenut ihoss gibda lejn is-sess feminili u dak relatat mieghu, tant li jilbes ta' mara fil-karnival, mhijiex sodisfacentement provata ; izda, anke jekk *dato non concesso*, dan huwa minnu, zgur li ma giex provat li din il-kwalita' interenti ghalih *"fixklet serjament il-hajja mizzewga"* jew li kienet tikkostitwixxi anomalija psikologika "serja" li ghamlitha "mpossibbli" ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg kif rikjest mill-ligi.

Il-Qorti tosserva li qabel iz-zwieg il-partjiiet kienu jghixu flimkien ghal perijodu relevanti ta' zmien, ghalkemm fid-dar tal-genituri ta' l-attrici, u ghalhekk huma kellhom l-opportunita' ampja li jkunu jafu lil xulxin sew. L-attrici tghid li *"ghalkemm kellna relazzjoni sesswali qabel iz-zwieg ma nnutajt xejn"* tant li baqghet ghaddejja bir-relazzjoni u l-partijiet izzewgu.

Inoltre, fil-fehema tal-Qorti, ir-raguni li tat l-attrici li ghaliha l-partijet wasslu sabiex jizzewgu, u cioe' sabiex in-nanna taghha ma tibqax iddejjaq lil ommha, hija fiergha u tikkostitwixxi tentattiv fjakk da parti ta' l-attrici sabiex tipprova timmina l-kunsens matrimonjali taghha. Huwa minnu li l-attrici, ghalkemm maggjorenni, kienet ghadha zghira, izda dan wahdu ma jwasslx necessarjament ghall-

konfigurazzjoni tal-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] li, *del resto*, lanqas biss tikkostitwixxi wahda mill-kawzalijiet indikati minnha.

Illi l-partijiet ghexu flimkien qabel iz-zwieg, ghexu flimkien fil-hajja konjugali wara z-zwieg, u sa sentejn wara t-twelid tat-tieni wild taghhom, ma kienx jidher li hemm problema fir-relazzjonijiet inter-personali ta’ bejniethom. Huma kkonvivew, ipprokreaw u hadu hsieb it-trobbija tat-tfal. Kien biss wara li l-attrici bdiet tattendi l-Universita’ fis-sena 2003 li bdew il-problemi bejn il-partijiiet, bir-rizutlat li eventwalment l-attrici dahlet f’ relazzjoni ma’ ragel mill-Germanija li kienet saret taf mill-internet.

Dawn il-fatti provati jimminaw serjament l-allegazzjoni attrici li z-zwieg taghha falla minhabba kwalita’ inerenti ghall-konvenut li fixklet serjament il-hajja mizzewga. Fil-fatt, kif xehed l-istess konvenut, il-hajja mizzewga fil-bidu taz-zwieg kienet tajba hafna, u ma rrizultax li kien hemm problemi serji. L-istess fatti jimminaw ukoll l-allegazzjoni attrici li l-kunsens matrimonjali konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat. Jidher li l-inkwiet kollu nqala’ mhux minhabba l-konvenut, izda minhabba l-istess attrici u r-relazzjoni taghha ma’ terza persuna.

[3] Illi t-tielet kawzali, bazata fuq il-paragrafu [f] hija non-starter, stante li hija kontradittorja ghall-kawzali bazata fuq il-paragrafu [d], ghax jew il-konvenut kien inkapaci li jaghti kunsens matrimonjali validu, jew b’ att pozittiv tal-volonta’ tieghu ha decizjoni li biha eskluda l-kunsens matrimonjali. Dan il-hsieb gie abbraccjat minn diversi sentenzi mghotija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell. Izda, anke f’ dan ir-rigward, il-konvivenza matrimonjali tal-partijiet, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ zewgt itfal, jrrendu nvalidu kull argument ta’ simulazzjoni tal-kunsens.

Dan premess kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li l-attrici ma rnexxielhiex tipprova sodisfacentement dak allegat minnha, u ghalhekk it-talba taghha ma timmeritax li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------